VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,981, 20 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L. 133 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Laws - LL.M. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Laws - LL.M., u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, għall-Grad ta' Master of Laws - LL.M. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 77 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (b) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-grad ta' Bachelor fil-Liġi bħala l-qasam ta' studju prinċipali, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II; jew"